



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Lussemburgu, 20 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10038/22

MOG 56
COPS 287
CFSP/PESC 818
RELEX 839

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar sħubija strateġika mal-Golf

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar sħubija strateġika mal-Golf approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2022.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR SĦUBIJA

STRATEĠIKA MAL-GOLF

1. Il-Kunsill jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli bħala pjan direzzjonali f'waqtu u operazzjonali lejn sħubija strateġika mas-sħab tal-Golf u jappella għall-implimentazzjoni rapida u effiċjenti tagħha. Il-bini ta' sħubija strateġika mal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf u l-Istati Membri tiegħu, bħala parti mit-tisħiħ tal-involviment tal-UE fir-reġjun usa', huwa prijorità ewlenija għall-Unjoni Ewropea. Jista' jitqies ukoll l-involviment ta' pajjiżi ewlenin oħra tal-Golf fis-sħubija, hekk kif ir-relazzjonijiet jiżviluppaw u jimmaturaw.
2. Kooperazzjoni mill-qrib u effettiva bejn l-Unjoni Ewropea u s-sħab tal-Golf hija essenzjali biex jintlaħqu l-oġettivi ewlenin tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari reġjuni tal-Golf u tal-Lvant Nofsani paċifiċi u prosperi, irkupru ekonomiku b'saħħtu, provvisti tal-enerġija sostenibbli, affordabbli u siguri għall-konsumaturi Ewropej, kollaborazzjoni b'saħħitha dwar it-tranżizzjoni ekoloġika bejn l-Ewropa u s-sħab tagħha, sabiex jingħata kontribut għal emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti sal-2050, u rispons b'saħħtu għall-ħtiġijiet umanitarji u ta' żvilupp globali.
3. Reġjun tal-Golf stabbli, sigur, ekoloġiku u prosperu huwa prijorità strateġika kondiviża u interess fundamentali kemm għall-UE kif ukoll għas-sħab tal-Golf tagħha. Fi żmien ta' nuqqas ta' sigurtà u sfidi sinifikanti għall-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli kemm fl-Ewropa kif ukoll fir-reġjun tal-Golf, u hekk kif id-dinja qed tthabbat wiċċha mal-konsegwenzi tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, l-irkupru ekonomiku sostenibbli wara l-COVID-19, it-tranżizzjoni ekoloġika u l-kriżi klimatika, it-tranżizzjoni diġitali, u l-ħtieġa għal riżoluzzjoni sostenibbli tal-kunflitti, il-Kunsill jissottolinja l-interdipendenza reċiproka u l-ħtieġa għal kooperazzjoni mill-qrib. Fl-ispirtu ta' sħubija strateġika, azzjoni konġunta aktar b'saħħitha, inkluż fil-fora multilaterali, ser twassal għal prosperità u sigurtà msaħħa taż-żewġ reġjuni, u ser tiżgura li l-isfidi globali u reġjonali jkunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv.
4. Il-promozzjoni tal-paċi u l-istabbiltà u t-tnaqqis tat-tensjonijiet fir-reġjun usa' tal-Golf kif ukoll fil-Lvant Nofsani usa' huma prijoritajiet ewlenin għall-UE u jikkostitwixxu interess kondiviż mas-sħab tal-Golf. Kull sforz biex tissaħħaħ il-fiduċja għandu jkun inklużiv. L-Iran huwa ċentrali għas-sigurtà fir-reġjun, għalkemm l-appoġġ dirett u indirett tiegħu għal alleati politiċi u

militari kif ukoll il-proliferazzjoni ballistika u t-trasferiment ta' missili u armi lil atturi statali u mhux statali jibqgħu sors importanti ta' instabbiltà fir-reġjun. Passi pożittivi reċenti, inkluż ir-restawr tal-unità tal-GCC, il-ftehimiet għan-normalizzazzjoni mal-Iżrael, l-inizjattivi mill-pajjiżi tal-GCC biex jtkompla jew jiġi żviluppat id-djalogu mal-Iran, u l-ftehim reċenti dwar tregwa u dwar miżuri ta' tisħiħ tal-fiduċja fil-Jemen bħala żvilupp ewlieni, joffru opportunitajiet għal sigurtà u stabbiltà reġjonali usa' mtejbja. Ir-restawr u l-implimentazzjoni sħiħa mill-ġdid tal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt (PAKK) għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-prosperità u s-sigurtà reġjonali. Dan jista' jkompli jhegġegħ approċċ kostruttiv fir-reġjun kif ukoll joffri pjattaforma biex isiru aktar sforzi biex tissaħħa u tiġi kkonsolidata l-fiduċja. Filwaqt li dawn l-isforzi għandhom ikunu mmexxija mir-reġjun, l-UE tibqa' lesta li tinvolvi ruħha mal-atturi kollha fir-reġjun f'approċċ gradwali u inklużiv, bi trasparenza sħiħa u bl-oġettiv aħħari li jiġi ffaċilitat proċess ta' djalogu li jkun jista' jgħin fl-iżvilupp ta' miżuri u arranġamenti għat-tisħiħ tal-fiduċja, li jipprevedu sigurtà akbar fir-reġjun tal-Golf. Il-Konferenza reġjonali ta' Baghdad dwar il-Kooperazzjoni u s-Sħubija, u l-proċess ta' segwitu tagħha bl-involviment tal-UE, jistgħu jservu bħala eżempju utli għal proċessi mmexxija mir-reġjun. L-UE tissottolinja l-impenn tagħha għar-rispett tal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipji universali, bħar-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u r-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti u t-tilwim. Il-Kunsill jilqa' l-proposta biex jinħatar Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Golf u jitlob lill-korpi preparatorji biex jibdew il-ħidma f'dan ir-rigward.

5. Il-Kunsill huwa lest li jintensifika l-isforzi tal-UE biex tissaħħa il-fiduċja u jiġu promossi s-sikurezza u s-sigurtà marittima fir-reġjun usa' tal-Golf u fi djalogu mal-istati littorali. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) u l-prinċipji fundamentali tal-libertà ta' navigazzjoni wkoll iridu jiġu rispettati b'mod sħiħ. Dan ikun jinkludi koordinazzjoni u kooperazzjoni msaħħa bejn l-operazzjonijiet ta' sigurtà marittima tal-UE u tal-Istati Membri li jkunu għaddejjin fir-reġjun, filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ il-mandati separati u l-attivitajiet operazzjonali tagħhom (EUNAVFOR Somalja Operazzjoni ATALANTA, u l-inizjattiva għal Għarfien Marittimu mmexxi mill-Ewropa fl-Istrett ta' Hormuz (EMASOH)) kif ukoll attivitajiet oħra tal-PSDK fir-reġjun. Il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu u d-Deċiżjoni relatata fi Frar 2022 biex tiġi stabbilita Preżenza Marittima Koordinata fil-Majjistral tal-Oċean Indjan, li toffri pjattaforma għal din il-ħidma. It-tħejjija u r-rispons għal diżastri, is-sikurezza nukleari, il-prevenzjoni tal-kunflitti, u l-medjazzjoni kif ukoll il-ġlieda kontra t-terroriżmu, iċ-ċibersigurtà u l-kooperazzjoni ġudizzjarja u fl-infurzar tal-liġi joffru oqsma oħra ta' inizjattivi possibbli għat-tisħiħ tal-fiduċja, li għandhom jiġu żviluppati fil-qafas ta' diversi strumenti tal-UE.

6. Fid-dawl tar-rwol attiv tal-pajjiżi tal-Golf fil-Lvant Nofsani, l-Afrika ta' Fuq, il-Qarn tal-Afrika u s-Sahel, il-Kunsill jaqbel li l-UE għandha tintensifika d-djalogu politiku bilaterali u l-impenn operazzjonali tagħha, kif ukoll il-kooperazzjoni tagħha mal-pajjiżi tal-Golf fi ħdan il-formati internazzjonali li jeżistu, b'mod partikolari fir-rigward tal-Jemen, l-Iraq, is-Sirja, il-Libja, il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani u l-Libanu, kif ukoll l-Afganistan, is-Somalja, l-Etjopja, is-Sudan u s-Sahel. L-UE u l-GCC u l-Istati Membri tagħha jaqsmu esperjenza rikka u livell għoli ta' għarfien espert fil-medjazzjoni internazzjonali u għandhom isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom f'dan il-qasam.
7. L-appoġġ għall-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli huwa interess komuni tal-UE u s-sħab tal-Golf. L-UE tapprezza l-vot tal-Istati Membri tal-GCC favur ir-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tat-2 ta' Marzu 2022 u tal-24 ta' Marzu 2022 li talbu lir-Russja ttemm immedjatament l-aggressjoni militari tagħha kontra l-Ukrajna u li appellaw għall-protezzjoni ċivili u aċċess umanitarju fl-Ukrajna, kif ukoll appoġġ umanitarju lir-refuġjati Ukreni. L-UE tenfasizza l-interess konġunt li jiġi kkundannat il-ksur ċar tad-dritt internazzjonali mir-Russja. L-UE tiddependi wkoll fuq l-assistenza tal-Istati Membri tal-GCC biex tipprevjeni ċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri tal-UE adottati b'rispons għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, l-UE hija mħassba bid-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni massiva tal-informazzjoni sostnuta mill-Istat Russu użati biex jiġġustifika u jappoġġa l-aggressjoni militari tiegħu kontra l-Ukrajna kif ukoll idgħajfef il-pożizzjoni tal-UE dwar din il-kwistjoni. Fid-dawl tal-iżviluppi globali, l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, li wasslet għall-imblokk tal-portijiet Ukreni, ikkontribwiet ukoll b'mod sinifikanti għad-deterjorament tas-sigurtà tal-ikel f'ħafna pajjiżi, speċjalment fl-Afrika u fil-Lvant Nofsani.
8. It-trasformazzjoni soċjetali u dik ekonomika li għaddejjin bħalissa fir-reġjun tal-Golf joffru firxa kbira ta' opportunitajiet għall-kooperazzjoni, inkluż dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-isfidi tad-demokratizzazzjoni. L-UE tesprimi r-rieda tagħha li tappoġġa lis-sħab tal-Golf fit-tisħiħ tal-istat tad-dritt u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet ċivili u politiċi kif ukoll dawk ekonomiċi, soċjali u kulturali tal-persuni kollha. Ser tingħata attenzjoni għall-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, u l-UE ser tkompli tippromwovi u tħares il-libertà ta' reliġjon jew twemmin. Ser titqiegħed enfasi partikolari fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-promozzjoni tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll fuq id-drittijiet tal-bniedem mill-persuni LGBTI. Il-Kunsill japprezza ħafna d-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem mas-sħab tal-GCC li joffru pjattaforma importanti biex ikun hemm skambji kostruttivi dwar it-tisħiħ tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, ir-rispett għad-dritt umanitarju internazzjonali, l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-każijiet individwali, u s-sitwazzjoni tal-ħaddiema migranti. Barra minn hekk, l-UE

hija interessata li tinvolvi ruħha aktar mal-GCC u l-Istati Membri tiegħu dwar id-drittijiet diġitali u tal-media, kif ukoll id-drittijiet tal-bniedem online u l-protezzjoni tad-data. Iż-żamma tad-djalogu mas-sħab tal-Golf dwar it-tisħiħ tal-libertà ta' espressjoni u l-libertà tal-media ser ikun importanti f'dan ir-rigward. Żviluppi pożittivi u kostruttivi fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni jservu wkoll biex ikompli jissaħħa il-potenzjal għal kooperazzjoni mtejba bejn l-UE u l-pajjiżi tal-GCC.

9. Il-Kunsill jinnota l-ħtiġijiet umanitarji globali li qed jizziedu u li qed joħlqu sfidi bla preċedent għas-sistema umanitarja internazzjonali. Filwaqt li jirrikonoxxi u jilqa' l-kontributi bilaterali sinifikanti tal-pajjiżi tal-Golf, il-Kunsill iħeġġeġ lid-donaturi tal-Golf biex iżidu l-impenn u l-finanzjament pluriennali tagħhom lejn is-sistema umanitarja globali kkoordinata min-NU u l-aġenziji rilevanti tan-NU u atturi umanitarji oħra. Barra minn hekk, il-Kunsill jippromwovi r-rispett għad-Dritt Umanitarju Internazzjonali u l-prinċipji umanitarji, inkluż il-protezzjoni tal-ispazju umanitarju, biex jiffaċilita l-għoti effettivi ta' assistenza umanitarja, u jħeġġeġ lill-pajjiżi tal-Golf biex jagħmlu dan ukoll. Il-Kunsill jistenna b'interess l-organizzazzjoni ta' laqgħa ministerjali bejn l-UE u l-GCC dwar l-assistenza umanitarja fl-2023.
10. Il-Kunsill, filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tar-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi, huwa lest li jintensifika d-djalogu ta' politika u l-koordinazzjoni tad-donaturi mad-donaturi tal-Golf fil-livell multilaterali, b'mod partikolari fi ħdan id-djalogu bejn il-Grupp ta' Koordinazzjoni Għarbi u d-DAC tal-OECD dwar il-qafas għall-iżvilupp. F'dan il-kuntest, l-UE biħsiebha tintensifika r-relazzjonijiet tagħha mal-organizzazzjonijiet reġjonali u l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Golf u tappella għall-identifikazzjoni ta' inizjattivi konġunti, inkluż permezz ta' kooperazzjoni triangolari.
11. Il-għlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-aċċellerazzjoni ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika huma sfidi kbar komuni u oqsma għal kooperazzjoni mill-qrib, b'mod partikolari bil-ħsieb tal-COP 27 u l-COP 28 tal-UNFCCC li għandhom isiru fl-Eġittu u fl-Emirati Għarab Magħquda rispettivament. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza li jiġu kkoordinati l-isforzi mal-GCC biex jinkisbu eżiti ta' suċċess fil-COP27 u l-COP28. L-UE tħeġġeġ lis-sħab tal-Golf biex jagħgornaw il-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali tagħhom, jikkomunikaw strateġiji fit-tul b'rabta mal-klima, jaċċelleraw l-azzjoni klimatika ambizzjuża u jintensifikaw it-tranżizzjoni ekoloġika b'mod li jintlaħaq l-oġettiv ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti sal-2050. B'mod partikolari, jekk jinżamm il-limitu tat-tisħin globali ta' 1.5 °C, dan ser inaqqas ukoll il-ħtiġijiet ta' adattament u t-telf u l-ħsarat minħabba t-tibdil fil-klima madwar id-dinja u b'mod speċifiku fir-reġjuni vulnerabbli. Barra minn hekk, filwaqt li tqis l-għan ta' wara l-2025 dwar il-finanzjament għall-klima u l-ħtieġa għal investimenti fuq skala kbira sabiex jiġu żgurati emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti sal-2050 u adattament adegwat għat-tibdil fil-klima, kif

ukoll l-għan fit-tul li l-flussi finanzjarji jsiru konsistenti mal-għan tat-temperatura u l-iżvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima, l-UE tħeġġeġ lis-sħab tal-Golf biex jipparteċipaw b'mod attiv fil-Pjattaforma Internazzjonali dwar il-Finanzi Sostenibbli. Organizzazzjonijiet u pjattaformi oħrajn, bħall-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (IRENA), l-Inizjattiva Ekoloġika tal-Arabja Sawdija, l-Inizjattiva Ekoloġika tal-Lvant Nofsani, il-Missjoni ta' Innovazzjoni Agrikola għall-Klima, u l-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan, jirrappreżentaw oqfsa sinifikanti sabiex tiġi kkoordinata l-azzjoni lejn il-kisba tal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. L-UE tesprimi r-rieda tagħha li taħdem mill-qrib mas-sħab tal-Golf bil-ħsieb li ssawwar investimenti sostenibbli fil-Lvant Nofsani usa', b'mod partikolari interkonnessjonijiet tal-infrastruttura, bl-użu tal-possibbiltajiet offruti fil-qafas tal-Global Gateway tagħha. L-involvement mill-qrib tal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej u daww ibbażati fil-Golf kif ukoll tas-settur privat ser jiġi promoss permezz tal-identifikazzjoni ta' inizjattivi tanġibbli.

12. Kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u l-Golf hija essenzjali wkoll biex jintlaħqu l-oġġettivi ambizzjużi b'rabta mal-bijodiversità tal-Aġenda 2030 tan-NU, bil-ħsieb tal-COP15 tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika aktar tard din is-sena. Barra minn hekk, il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità u r-riżorsi tal-baħar, inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet mit-trasport marittimu, huma prijorità komuni anke minħabba l-volum għoli ta' tbaħħir fir-reġjun tal-Golf. Il-ġestjoni tal-iskart, l-ekonomija ċirkolari, ir-riċiklaġġ, il-ħolqien ta' sistemi tal-ikel sostenibbli u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, il-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni u l-iżvilupp ta' agroteknoloġija f'żoni bi klimi aridi huma wkoll oqsma kritiċi li fihom l-UE u s-sħab tal-Golf għandhom jaqsmu l-għarfien espert u jaħdmu flimkien mill-qrib.
13. Barra minn hekk, skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-30 u l-31 ta' Mejju dwar l-istrategġija Ewropea għal REPowerEU u l-Istrategġija tal-UE dwar l-Impenn Estern fil-Qasam tal-Enerġija li tikkomplementaha, sħubija b'saħħitha bejn l-UE u l-GCC hija essenzjali wkoll fil-kuntast tas-sigurtà tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika – fuq livell globali u fir-reġjuni rispettivi tagħna. Bħala l-ewwel miżura sabiex jiġu indirizzati ż-żewġ sfidi, kemm l-UE kif ukoll il-pajjiżi tal-Golf jistgħu jibbenefikaw bl-adozzjoni tal-iffrankar u l-effiċjenza tal-enerġija biex titnaqqas l-intensità tal-enerġija, fejn il-pajjiżi tal-UE jkunu jistgħu jipprovdu teknoloġiji u ħilet b'referenza speċjali għall-ħżin u t-trasport. Is-sħab tal-Golf huma fornituri affidabbli tal-Gass Naturali Likwifikat għas-swieq internazzjonali, inkluż għall-UE, li jibqa' element kruċjali fuq medda qasira ta' żmien, sabiex tiġi limitata l-volatilità tas-swieq globali, u tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel. L-UE u s-sħab tal-Golf jistgħu jaħdmu flimkien biex jappoġġaw l-isforzi globali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan, filwaqt li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur taż-żejt u tal-gass. Fid-dawl tal-potenzjal straordinarju tagħhom li jmexxu t-tranżizzjoni lejn id-dekarbonizzazzjoni u jsiru esportaturi ewlenin tal-enerġija

rinnovabbli u tal-idroġenu rinnovabbli, il-kooperazzjoni tkun ta' benefiċċju reċiproku. Filwaqt li jinnotaw l-importanza ta' sorsi indiġeni tal-enerġija għas-sigurtà tal-provvista, l-UE u s-sħab tal-Golf għandhom jesploraw modi kif jibnu swieq tal-idroġenu rinnovabbli li permezz tagħhom jista' jkun hemm futur li fih il-pajjiżi tal-Golf ikunu jistgħu jsiru fornitur affidabbli tal-enerġija rinnovabbli lill-UE, meta jkun meħtieġ, inkluż billi jaqsmu l-għarfien espert dwar standards u oqfsa regolatorji u billi jiżguraw kummerċ u investiment mingħajr xkiel. Minħabba l-importanza tal-integrazzjoni tal-enerġija reġjonali, ser jiġu esplorati wkoll opportunitajiet għal investimenti reġjonali u kooperazzjoni triangolari mas-sħab tal-Golf, fost l-oħrajn abbażi tas-Sħubija Mediterranja futura għall-Idroġenu Ekoloġiku kif ukoll ta' proġetti eżistenti fil-Lvant u fin-Nofsinhar tal-Mediterran.

14. Sabiex jiġu sfruttati l-opportunitajiet il-ġodda offruti mit-tranżizzjoni ekoloġika u jiġu indirizzati l-isfidi relatati magħha u sabiex l-oġettivi kondiviżi jiġu operazzjonalizzati aħjar u jiġu identifikati inizjattivi konġunti konkreti f'dak ir-rigward, il-Kunsill japprova l-proposti tal-Kummissjoni biex jiġi stabbilit Grupp ta' esperti dwar l-enerġija u l-klima bejn l-UE u l-GCC u biex jiġu organizzati laqgħat ministerjali settorjali annwali bejn l-UE u l-GCC dwar dawk l-aspetti.
15. Filwaqt li r-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u l-GCC huma diġà b'saħħithom, relazzjoni kummerċjali u ta' investiment privileġġata bejn l-UE u l-GCC u l-membri tiegħu hija interess ewlieni kondiviż. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tesplora modi kif tapprofondixxi s-sħubija ekonomika u kif issaħħaħ id-Djalogu eżistenti dwar il-Kummerċ u l-Investiment bejn l-UE u l-GCC. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni biex taċċellera l-ħidma esploratorja biex tiddetermina jekk hemmx fis-seħħ kondizzjonijiet biex jintlaħaq fehim komuni dwar il-possibbiltà ta' negozjati għal fehim ta' kummerċ ħieles, li jindirizza kwistjonijiet ta' interess reċiproku, bħal ambjent imtejjeb għall-kummerċ u l-investiment, kooperazzjoni regolatorja u doganali, inkluż il-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni u l-kuntrabandu, kif ukoll oġettivi ta' żvilupp sostenibbli, li jinkludu drittijiet ambjentali u tal-ħaddiema. Il-Kunsill jilqa' l-proposti biex tiġi intensifikata l-kooperazzjoni reġjonali u transreġjonali fl-avjazzjoni, il-ferroviji, is-sikurezza marittima u l-konnettività.
16. Id-diġitalizzazzjoni, iċ-ċibernetika, teknoloġiji ġodda, kif ukoll ir-riċerka u l-iżvilupp huma oqsma addizzjonali li joffru potenzjal għal kooperazzjoni, b'mod partikolari meta jitqiesu l-opportunitajiet li dawn joffru f'termini tal-ħolqien ta' swieq u impjiegi ġodda kif ukoll fid-dawl tal-kontribut tagħhom għad-diversifikazzjoni u l-irkupru ekonomiċi kif ukoll għat-tranżizzjoni klimatika u dik tal-enerġija u l-indirizzar ta' kwistjonijiet tas-saħħa globali. L-iżvilupp ta' approċċ iċċentrat fuq il-bniedem u bbażat fuq il-protezzjoni tad-data għad-diġitalizzazzjoni, inkluż f'termini tal-konnettività, l-iżvilupp tal-infrastruttura u t-tranżizzjoni diġitali, il-ħiliet u l-

- iżvilupp ta' ċentri ta' innovazzjoni huma objettivi ewlenin għall-kooperazzjoni bejn l-UE u l-GCC, bl-użu wkoll tas-sett ta' għodod tal-5G tal-UE. Il-Kunsill ihegġegħ lis-sħab tal-Golf biex jingħaqdu fl-isforzi għat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-koordinazzjoni tar-risponsi għall-ġlieda kontra t-theddid ibridu. Fl-istess spirtu, il-Kunsill ihegġegħ miżuri mmirati biex jindirizzaw id-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni. L-approċċ globali tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll Orizzont Ewropa jistgħu joffru pjattaformi utli. Fid-dawl tar-rwol attiv reċenti tal-pajjiżi tal-GCC fil-qasam tal-ispazju, għandha tissaħħaħ ukoll il-kooperazzjoni f'dan il-qasam, b'mod partikolari fir-rigward ta' Egnos, GPS u Galileo.
17. L-edukazzjoni, li twieġeb għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-soċjetà, toħloq prospetti futuri għaż-żgħażagħ u hija kruċjali għall-prospertà tas-soċjetà. Il-Kunsill jappella biex tiġi intensifikata l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-GCC fl-oqsma tat-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni u r-riċerka, inkluż fil-kuntest tal-programm Erasmus+ u l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie, filwaqt li jitqiesu wkoll il-programmi bilaterali ta' kooperazzjoni bejn l-universitajiet. L-UE hija interessata wkoll fl-iskambju tal-aħjar Prattiki dwar l-awtonomizzazzjoni taż-żgħażagħ.
18. It-tixrid ta' ideoloġiji radikali u estremisti jista' joħloq bejta fertili fejn jinbet l-estremiżmu vjolenti, u jista' jwassal għal atti vjolenti. L-approfondiment tal-impenn kontra t-terroriżmu mas-sħab tal-Golf jista' jiġi previst dwar kwistjonijiet bħall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti, il-finanzjament tiegħu u l-mezzi ta' tixrid kemm online kif ukoll offline. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi tas-sħab tal-GCC fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u jissottolinja li dawn l-isforzi kollha jridu jitwettqu f'konformità mad-dritt internazzjonali inkluż id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali. Ikun siewi li l-Kunsill jintensifika l-kooperazzjoni tiegħu mas-sħab tal-GCC permezz ta' djalogu trasparenti u regolari u skambju tal-aħjar Prattiki, b'mod partikolari fil-qafas tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni bilaterali. Trid tingħata attenzjoni partikolari għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, kif ukoll għat-tixrid ta' ideoloġiji vjolenti u estremisti li jwasslu għal influwenza barranija mhux mixtieqa fuq l-organizzazzjonijiet ċivili u reliġjużi fl-UE b'mod partikolari permezz ta' finanzjament mhux trasparenti.
19. Il-promozzjoni ta' kuntatti bejn il-persuni u b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ għandha tkun fil-qalba tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-GCC u l-Istati Membri tagħha. Il-Kunsill għalhekk jilqa' d-diskussjonijiet li jinsabu għaddejjin fil-fajl dwar il-viża u ħa nota tal-proposta tal-Kummissjoni biex aktar Stati Membri tal-GCC jiġu eżentati mill-ħtieġa ta' viża biex jidħlu fiż-Żona Schengen. Huwa jenfasizza l-importanza tal-koerenza reġjonali f'dan il-kuntest, u jistenna b'interess progress li jsir fid-diskussjonijiet, abbażi tal-modalitajiet u l-kriterji tal-proċess. Il-Kunsill jilqa' t-tneċċja ta' diskussjonijiet tekniċi mill-Kummissjoni mal-bqija tal-Istati Membri

tal-GCC, sabiex jinkiseb l-objettiv finali ta' aċċess għal Schengen mingħajr viża għaċ-ċittadini tal-Istati Membri kollha tal-GCC, ladarba jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet rilevanti kollha.

20. Fid-dawl taż-żieda reċenti fil-momentum politiku, il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li jkompli jittejbu u jissaħħu d-djalogu politiku u l-kooperazzjoni istituzzjonali bejn l-UE u l-GCC. Il-kooperazzjoni aktar mill-qrib timxi id fid id ma' żieda fil-kuntatti ta' livell għoli. Il-Kunsill jilqa' wkoll it-tkomplija mill-ġdid tal-Kunsill Konġunt u l-Laqgħa Ministerjali fuq bażi annwali u jilqa' l-proposta li jiġu organizzati laqgħat ministerjali settorjali sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni rapida tal-aspetti ewlenin tas-sħubija strateġika l-ġdida, b'enfasi inizjali fuq it-tranżizzjoni ekoloġika/it-tibdil fil-klima u l-affarijiet umanitarji. Il-Kunsill jaqbel li jesplora l-possibbiltà ta' Summit bejn l-UE u l-GCC sabiex tingħata gwida politika għas-Sħubija Strateġika mġedda bejn l-UE u l-Golf. F'termini ta' struttura istituzzjonali, il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u l-GCC konkluż fl-1989, u l-attivitajiet konġunti taż-żewġ organizzazzjonijiet, inkluż il-Programm Konġunt ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u l-GCC fuq 5 snin approvat fis-26 Kunsill Konġunt bejn l-UE u l-GCC fi Frar 2022, joffru l-qafas biex din is-sħubija strateġika konġunta tiġi żviluppata aktar. Il-Kunsill jilqa' l-proposta li jinħatar Ambaxxatur tal-UE għall-GCC. Abbażi ta' dan il-qafas reġjonali kif ukoll tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn is-SEAE u l-Ministeri għall-Affarijiet Barranin tal-Istati Membri tal-GCC, il-Kunsill jistieden ukoll lis-SEAE u lill-Kummissjoni biex jesploraw il-possibbiltà li jinnegozjaw ftehimiet bilaterali ma' Stati Membri individwali tal-GCC. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' wkoll il-ftuħ ta' Delegazzjonijiet ġodda tal-UE fir-reġjun.
21. L-UE ser tuża l-għodod u l-istrumenti kollha tagħha, inkluż l-NDICI-Ewropa Globali u Global Gateway, biex tiżgura l-implimentazzjoni effiċjenti, effettiva u rapida ta' din is-sħubija strateġika l-ġdida mal-Golf. Barra minn hekk, il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza li tiġi żgurata viżibbiltà adegwata tal-impenn politiku u l-kooperazzjoni mas-sħab tal-GCC, inkluż fil-GCC u l-Istati Membri tal-UE, permezz ta' sensibilizzazzjoni, inizjattivi ta' diplomazija pubblika, u sforzi konġunti tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri fl-ispirtu tal-approċċ ta' Tim Ewropa. F'dan ir-rigward, huwa jappella biex ikompli jissaħħu d-diplomazija pubblika u l-komunikazzjoni strateġika tal-UE mal-Golf, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, biex ikompli jittejjeb il-viżibbiltà tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fir-reġjun.